**Emenda 8**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Miguel Urbán Crespo, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni għandu jintuża b'tali mod li jagħti prijorità lil politiki ta' konverġenza reali, abbażi tal-progress soċjali u tas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-potenzjal ta' kull pajjiż, il-ħolqien tal-impjiegi, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ħarsien tal-ambjent, bl-għan ta' koeżjoni ekonomika u soċjali vera; jirrifjuta t-"Trattat dwar l-Istabbiltà Fiskali", il-"Governanza Ekonomika", il-Patt għall-Euro Plus li huma bbażati fuq u jipperpetwaw it-teħid ta' iktar miżuri ta' awsterità kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, li se jippeġġoraw il-kriżijiet ekonomiċi u soċjali attwali, partikolarment fil-pajjiżi li jinsabu f'qagħda ekonomika u soċjali iktar diffiċli;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 9**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Miguel Urbán Crespo, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza l-ħtieġa ta’ strateġija Ewropea ta' investiment pubbliku koerenti bil-ħolqien ta’ 'programm ta' investimenti tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli u l-impjieg' ta’ mill-inqas 1 % tal-PDG tal-Unjoni, li jikkomplementa l-isforzi simili għall-investiment pubbliku tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkludu l-mezzi finanzjarja neċessarji fil-proposta tagħhom għall-baġit tal-2016;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 10**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Iqis li bidla fil-politiki attwali tal-Unjoni hija meħtieġa jekk irridu verament nindirizzaw il-problemi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-qgħad, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi (fl-introjtu); jenfasizza li hemm bżonn ta' strateġija ġdida biex titwitta triq ġdida għall-Ewropa, triq ta' impjieg sħiħ, xogħlijiet deċenti, pagi li jippermettu livell ta' għajxien deċenti, koeżjoni soċjali u ekonomika u ħarsien soċjali għal kulħadd, li tiggarantixxi l-ogħla standards ta' għajxien; triq li tagħti kas tal-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' kull Stat Membru, l-aktar dawk anqas żviluppati, li tippromwovi l-konverġenza reali filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskrepanza fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u reġjonali eżistenti;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Miguel Urbán Crespo, Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jilqa'*** l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li ħejjiet il-Kummissjoni, għas-sena finanzjarja 2016 isaħħaħ dawn il-prijoritajiet u jipproponi l-intensifikazzjoni tal-appoġġ tal-UE għall-programmi orjentati lejn l-investiment, l-għarfien, l-impjiegi u t-tkabbir, u b'mod partikolari għal Erasmus+, programm emblematiku fil-qasam tal-mobilità; ***jemmen li l-Abbozz ta' Baġit għall-2016 hu pass pożittiv 'il quddiem biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jaffrontaw l-isfidi strutturali, b'mod speċjali t-telf ta' kompetittività; jinsab*** sodisfatt ***mill-fatt*** li, apparti ż-żidiet dovutament mistennija fl-Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) u l-Intestatura 4 (Ewropa Globali), il-Kummissjoni qed taċċetta l-isfida li tirreaġixxi għal żviluppi ġodda, bħall-kriżijiet fl-Ukrajna, fis-Sirja u fil-Mediterran, billi ***twieġeb għall-ħtiġijiet tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni u billi turi rieda politika b'saħħitha fil-qasam tal-azzjoni esterna u impenn baġitarju fir-rigward tal-pajjiżi*** ta' oriġini u ta' tranżitu; | 3. ***Jinnota*** l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li ħejjiet il-Kummissjoni, għas-sena finanzjarja 2016 isaħħaħ dawn il-prijoritajiet u jipproponi l-intensifikazzjoni tal-appoġġ tal-UE għall-programmi orjentati lejn l-investiment, l-għarfien, l-impjiegi ***deċenti*** u t-tkabbir, u b'mod partikolari għal Erasmus+, programm emblematiku fil-qasam tal-mobilità; ***mhuwiex*** sodisfatt li, apparti ż-żidiet dovutament mistennija fl-Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) u l-Intestatura 4 (Ewropa Globali), il-Kummissjoni ***mhijiex*** qed taċċetta ***kif suppost*** l-isfida li tirreaġixxi għal żviluppi ġodda, bħall-kriżijiet ***umanitarji*** fl-Ukrajna, fis-Sirja u fil-Mediterran, billi ***approċċ komprensiv u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jorbot il-migrazzjoni mal-iżvilupp u li jiggarantixxi l-integrazzjoni tal-ħaddiema migranti u tal-persuni li jfittxu l-ażil u r-refuġjati filwaqt li tappoġġa impenn politiku u baġitarju ġdid favur il-pajjiżi*** ta' oriġini u ta' tranżitu; |

Or. en

**Emenda 12**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jirrifjuta kwalunkwe użu tal-baġit tal-Unjoni biex jiffinanzja UE militarista u neoliberali; jiddefendi l-ħtieġa ta' programm alternattiv li jappoġġa l-iżvilupp sostennibbli, domanda interna favur l-ambjent msaħħa msejsa fuq pagi progressivi, impjieg sħiħ bi drittijiet, welfare soċjali, azzjoni biex ikunu eradikati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u koeżjoni soċjali u ekonomika mtejba;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 13**
**Miguel Urbán Crespo, Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dimitrios Papadimoulis, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. ***Jilqa'*** l-inklużjoni tal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiku (FEIS) fl-Abbozz ta' Baġit 2016 u, b'mod partikolari, il-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji biex ikopri parti min-nefqa meħtieġa għall-finanzjament ta' EUR 8 miljun għall-Fond ta' Garanzija FEIS, minflok ma jiddependi biss fuq it-tnaqqis fil-baġits tal-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jisħaq fuq il-fatt li l-objettiv tal-Parlament kien li jimminimizza sal-massimu possibbli l-impatt fuq dawn iż-żewġ programmi u l-fatt li l-qbil li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi kompla jbaxxi dan it-tnaqqis b'EUR 1 biljun kumplessivament, b'mod li r-riċerka fundamentali, ***inter alia***, ma ntlaqtitx jistenna li l-ftehim finali rigward il-FEIS jiġi rifless kemm jista' jkun malajr fil-baġit 2016 abbażi ta' ittra ta' emenda; | 4. ***Jinnota*** l-inklużjoni tal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiku (FEIS) fl-Abbozz ta' Baġit 2016 u, b'mod partikolari, il-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji biex ikopri parti min-nefqa meħtieġa għall-finanzjament ta' EUR 8 miljun għall-Fond ta' Garanzija FEIS, minflok ma jiddependi biss fuq it-tnaqqis fil-baġits tal-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jisħaq fuq il-fatt li l-objettiv tal-Parlament kien li jimminimizza sal-massimu possibbli l-impatt fuq dawn iż-żewġ programmi u l-fatt li l-qbil li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi kompla jbaxxi dan it-tnaqqis b'EUR 1 biljun kumplessivament, b'mod li r-riċerka fundamentali, ***b'mod partikolari***, ma ntlaqtitx***;*** jistenna li l-ftehim finali rigward il-FEIS jiġi rifless kemm jista' jkun malajr fil-baġit 2016 abbażi ta' ittra ta' emenda; ***għandu l-għan li jevita tnaqqis għal dawn iż-żewġ programmi u jimpenja ruħu għal aktar tpaċija permezz ta' rinfurzar tal-programm Orizzont 2020 fil-kuntest tal-proċedura baġitarja;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 14**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-programmi ġodda li jaqgħu taħt il-perjodu tal-QFP 2014–2020 qed idumu ma jibdew aktar milli kien ippjanat minħabba l-approvazzjoni tardiva tal-bażijiet ġuridiċi u tal-programmi operattivi, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2014; jimpenja ruħu li jeżamina jekk l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mitluba humiex fil-fatt se jippermettu li dawn il-programmi ġodda jibdew joperaw kif suppost; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għad-dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom; | 9. Jinsab imħasseb ***ferm*** dwar il-bidu aktar kajman milli ppjanat tal-programmi ġodda li jaqgħu taħt il-perjodu tal-QFP 2014-2020 minħabba l-approvazzjoni tardiva tal-bażijiet ġuridiċi u tal-programmi operattivi kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2014 ***u l-2015, minħabba l-pagamenti b'lura tal-programmi 2007-2013 tal-Unjoni***; ***jissottolinja l-impatt negattiv ikkawżat minn dewmien fil-pagamenti lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet soċjali, finanzjarji u ekonomiċi;*** jimpenja ruħu li jeżamina jekk l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mitluba humiex fil-fatt se jippermettu li dawn il-programmi ġodda jibdew joperaw kif suppost; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għad-dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 15**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jikkonstata li l-Abbozz ta' Baġit tal-UE għall-2016 jammonta għal EUR 153,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (inklużi EUR 4,5 biljun riprogrammati mill-2014) u EUR 143,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jindika li, jekk ma jitqiesx l-effett tar-riprogrammar fl-2015 u fl-2016, dan jikkorrispondi għal żieda ta' +2,4 % fl-impenji u ta' +1,6 % fil-pagamenti meta mqabbla ma' dawk tal-baġit 2015; jisħaq fuq il-fatt li dawn iż-żidiet moderati kumplessivi, skont id-direzzjoni stabbilita mill-QFP u wara li titqies l-inflazzjoni, ma jirrappreżentaw kważi l-ebda żieda f'termini reali, u dan jenfasizza ***l-importanza tal-effiċjenza*** u l-effikaċja tal-infiq; | 10. Jikkonstata li l-Abbozz ta' Baġit tal-UE għall-2016 jammonta għal EUR 153,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (inklużi EUR 4,5 biljun riprogrammati mill-2014) u EUR 143,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jindika li, jekk ma jitqiesx l-effett tar-riprogrammar fl-2015 u fl-2016, dan jikkorrispondi għal żieda ta' +2,4 % fl-impenji u ta' +1,6 % fil-pagamenti meta mqabbla ma' dawk tal-baġit 2015; jisħaq fuq il-fatt li dawn iż-żidiet moderati kumplessivi, skont id-direzzjoni stabbilita mill-QFP u wara li titqies l-inflazzjoni, ma jirrappreżentaw kważi l-ebda żieda f'termini reali, u dan jenfasizza ***l-ħtieġa għal reviżjoni tal-QFP 2014-2020 billi huwa ċar li żieda fl-effiċjenza*** u l-effikaċja tal-infiq ***mhijiex biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Unjoni***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 16**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11 b. Jitlob li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' emerġenza biex jappoġġaw l-ekonomija ta' pajjiżi li fihom intervjeniet it-trojka, li jipprovdu riżorsi finanzjarji u l-eċċezzjonijiet meħtieġa mill-funzjonament tas-suq uniku u l-politiki komuni;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 17**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Miguel Urbán Crespo, Luke Ming Flanagan, , Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11c. Jitlob li l-istrateġija UE 2020 attwali tiġi sostitwita bi "Strateġija Ewropea għas-Solidarjetà u l-Iżvilupp Sostenibbli" ibbażata fuq il-prinċipji msemmija hawn fuq, b'sett ġdid ta' politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jħeġġu l-investiment:*** |
| | ***(i) fil-kwalità tax-xogħol fl-aspetti kollha tiegħu (pagi, stabilità, kundizzjonijiet tax-xogħol u taħriġ) u t-titjib fil-kwalifiki, sabiex tinkiseb forza tax-xogħol imħarrġa sew u b'ħafna ħiliet,*** |
| | ***(ii) f'infrastruttura bażika u li tappoġġa lill-industrija,*** |
| | ***(iii) fis-servizzi pubbliċi, sabiex titjieb il-kwalità tagħhom,*** |
| | ***(iv) f'politika ta' koeżjoni b'saħħitha, sabiex tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u ekonomika,*** |
| | ***(v) fil-ħarsien tal-ambjent u tar-riżorsi naturali,*** |
| | ***(vi) fit-titjib tal-istandards, soċjali, ambjentali, tax-xogħol u tas-sikurezza, sabiex tinkiseb armonizzazzjoni li tissodisfa l-ogħla standards,*** |
| | ***(vii) fl-ekonomija soċjali,*** |
| | ***(viii) fil-protezzjoni soċjali, sabiex jinqered il-faqar u tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali,*** |


Magħquda fid-diversità

***(ix) fir-riċerka u l-innovazzjoni (pubblika), sabiex il-benefiċċji tagħha jgwadi minnhom kulħadd,***

***(x) fil-promozzjoni tal-kultura u l-parteċipazzjoni ċivili,***

***(xi) fid-'dematerjalizzazzjoni' progressiva tal-ekonomija;***

Or. en